



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 98/22

il-Lussemburgu, 9 ta' Ġunju 2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-673/20 | Préfet du Gers et Institut national de la statistique et des études économiques

Konsegwenzi tal-*Brexit*: iċ-ċittadini Britanniċi li kienu jgawdu drittijiet marbuta ma' ċittadinanza Ewropea issa ma jibbenefikawx iktar, wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, mid-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom

EP hija ċittadina Brittanika residenti fi Franza mill-1984 u hija miżżewġa ma' ċittadin Franċiż. Hija ma talbitx jew kisbet in-nazzjonalità Franċiża. Wara li daħal fis-seħħ il-ftehim dwar il-ħruġ marbut mal-*Brexit*, l-Institut national de la statistique et des études économiques (INSEE) ¹ ħassar lil EP mir-reġistru elettoral tal-Komun ta' Thoux (Franza). EP b'hekk ma setgħetx tivvota fl-elezzjonijiet muniċipali li nżammu fi Franza fil-15 ta' Marzu 2020.

Fis-6 ta' Ottubru 2020, EP talbet li terġa' tiġi inkluża fir-reġistru elettoral rriżervat għaċ-ċittadini mhux Franċiżi tal-Unjoni Ewropea. Din it-talba ġiet miċħuda l-għada mis-sindku tal-Komun ta' Thoux. EP ressqet kawża, fid-9 ta' Novembru 2020, kontra din id-deċiżjoni quddiem il-qorti it-tribunal judiciaire d'Auch (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Auch, Franza).

Quddiem din il-qorti, li hija l-qorti tar-rinviju, EP b'mod partikolari sostniet li ma kinitx qed tgawdi iktar id-dritt tal-vot u tal-kandidatura fir-Renju Unit minħabba regola Brittanika msejja "ta' 15-il sena", li biha ċittadin Brittaniku li jirrisjedi għal iktar minn 15-il sena barra mill-pajjiż ma jkollux iktar dritt li jipparteċipa fl-elezzjonijiet organizzati fir-Renju Unit. EP b'hekk sabet ruħha mċaħħda minn kull dritt tal-vot u tal-kandidatura, kemm fi Franza u kemm fir-Renju Unit.

Il-qorti tar-rinviju qed tfittex li ssir taf jekk iċ-ċittadini Britanniċi, bħal EP, li kienu ttrasferew ir-residenza fi Stat Membru qabel it-tmiem tal-perijodu ta' tranżizzjoni previst mill-ftehim dwar il-ħruġ, ikomplux jibbenefikaw mill-Istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u, iktar speċifikament, mid-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom. Jekk dan ma jkunx il-każ, din il-qorti qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tistħarreġ, b'mod partikolari fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-validità tal-ftehim dwar il-ħruġ ².

Bis-sentenza tagħha ta' llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tirispondi li, mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, fl-1 ta' Frar 2020, iċ-ċittadini ta' dan l-istat li ttrasferew ir-residenza tagħhom fi Stat Membru qabel il-perijodu ta' tranżizzjoni

¹ L-INSEE huwa kompetenti sabiex iħassar mir-reġistru elettoral l-eletturi mejta u l-eletturi li ma jkollhom iktar dritt tal-vot.

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2020, L 29, p. 1).

ma jibbenefikawx iktar mill-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni lanqas, b'mod iktar speċifiku, mid-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, anki meta jiġu mċaħħda, bis-saħħa tal-liġi tal-istat li tagħhom ikunu ċittadini, mid-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet muniċipali organizzati minn dan l-aħħar stat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li **ċ-ċittadinanza tal-Unjoni titlob il-pussess tan-nazzjonalità ta' Stat Membru**. Għalkemm din iċ-ċittadinanza tagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni residenti fi Stat Membru li tiegħu huma ma jkunux ċittadini d-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn jirrisjedu, bl-istess kundizzjonijiet taċ-ċittadini ta' dan l-aħħar Stat Membru, ebda dispożizzjoni tat-Trattati ma tistabbilixxi, min-naħa l-oħra, dan id-dritt favur iċ-ċittadini ta' stati terzi.

Konsegwentement, il-fatt li individwu jkun ittrasferixxa r-residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, meta l-Istat Membru li tiegħu huwa ċittadin kien Stat Membru, mhuwiex **biżżejjed biex jippermettilu jkompli jżomm l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni** u d-drittijiet kollha marbuta miegħu permezz tad-dritt tal-Unjoni jekk, wara l-ħruġ tal-Istat Membru ta' oriġini mill-Unjoni, huwa ma jkollux iktar in-nazzjonalità ta' Stat Membru.

Peress li ċ-ċittadini tar-Renju Unit saru, mill-1 ta' Frar 2020, ċittadini ta' stat terz, huma tilfu, minn din id-data, l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. Għaldaqstant, huma ma jibbenefikawx iktar mid-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tiegħu.

Din hija **konsegwenza awtomatika tad-deċiżjoni sovrana meħuda mir-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni**.

Il-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk tiddeċiedi li d-Deċiżjoni 2020/135 li approvat il-ftehim dwar il-ħruġ mhijiex invalida bil-fatt li ma tagħtix liċ-ċittadini Britanniċi li ttrasferew ir-residenza tagħhom fi Stat Membru qabel tmien il-perijodu ta' tranżizzjoni d-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) u s-sunt tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-ġoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

